# QORTI KRIMINALI

Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D.

**ATT TA' AKKUZA Nru: 1/2016**

**IR-REPUBBLIKA TA' MALTA**

**kontra**

## Emil Atanasov

Illum 15 ta' April, 2016,

Il-Qorti,

Rat l-att ta' akkuża numru wieħed tas-sena elfejn u sittax (2016) miġjuba kontra l-imsemmi Emil Atanasov, detentur tal-karta tal-identita' Bulgara bin-numru 644506317:

Fejn l-Avukat Ġenerali fl-Ewwel Kap ippremetta:

ILLI l-akkużat Emil ATANASOV, ċittadin Bulgaru u magħruf ma' sħabu bħala 'Emo', ġie Malta f'Settembru tas-sena Elfejn u Ħdax (2011), fejn sab impjieg fl-industrija tal-kostruzzjoni. F'Mejju tas-sena Elfejn u Tlettax (2013) huwa beda jabita ġewwa l-appartament numru 12, 'Diana Flats', Triq il-Merluzz, il-Qawra,

limiti ta' San Pawl il-Baħar, liema kirja huwa kien jaqsam ma' żewġ *flat-mates* mir-Repubblika tal-Maċedonja, u ċioe' Dani Krsteski u Goran Manojlovski. L-akkużat Emil ATANASOV kellu l-kamra tiegħu, Krsteski u Manojlovski kellhom tagħhom, pero' t-tlieta li huma kienu jużaw l-istess kċina, salott, u kamra tal-banju;

ILLI fil-lejl ta' bejn l-Għaxra (10) u l-Ħdax (11) ta' Frar tas-sena Elfejn u Erbatax (2014), l-akkużat Emil ATANASOV irritorna fl-appartament tiegħu xi ħin bejn nofs il-lejl (00:00hrs) u n-nofs siegħa (00:30hrs) u rtira fil-kamra tiegħu. Għal xi s-siegħa ta' filgħodu (01:00hrs), allura tal-Ħdax (11) ta' Frar tas-sena Elfejn u Erbatax (2014), Dani Krsteski u Goran Manojlovski rritornaw ġewwa l-appartament ma' żewġt irġiel oħra, u cioe' Zoran Jocic u Krstic Dragoljub. Dani Krsteski ħabbat il-bieb tal-kamra ta' l-akkużat Emil ATANASOV u talbu biex isellfu sett *speakers* tal-mużika li huwa kellu. L-akkużat Emil ATANASOV ha dawn l-i*speakers* ġewwa l-kamra ta' Krsteski u Manojlovski, fejn il-ħamsa (5) li huma qagħdu jpejjpu, jixorbu l-birra, u jisimgħu il-mużika;

ILLI l-volum tal-mużika kien tant għoli li Glenn Zahra, li nzerta kien rieqed f'appartament fl-istess blokka ta' appartamenti u li jiġi n-neputi ta' sid il-blokka Mario Ciappara, mar fl-appartament mikri lilhom (Numru 12) biex isikkithom. Skond Glenn Zahra dawn kienu jidhru xurbana u qajla' taw kasu, tant li hu qabad u tfielhom il-*main switch* ta' l-elettriku minn ġewwa l-appartament mikri lilhom;

ILLI wara xi ħames minuti Dani Krsteski reġa' xegħel il-*main switch* ta' l-elettriku u reġa' xegħel il-mużika biex ikompli jferraħ lill-mistednin tiegħu Zoran Jocic u Krstic Dragoljub. Din il-mossa, pero', ma tantx niżlet tajjeb ma' Glenn Zahra, li, kif appena reġa' sema' l-mużika tindaqq b'volum għoli fil-hemda tal-lejl, ħareġ mill-apparament tiegħu, niżel isfel, u tefa' l-*main switch* ta' l-appartament numru

tnax (12), u cioe' l-appartament mikri lill-akkużat Emil ATANASOV, u lil Dani Krsteski u Goran Manojlovski, din id-darba mill-*main switch* tal-komun mhux ta' l-appartament;

ILLI kien f'dan il-ħin, ftit wara s-sagħtejn ta' filgħodu (02:00hrs) fejn inqala' argument bejn il-mistednin ta' Dani Krsteski, u cioe' Zoran Jocic u Krstic Dragoljub, u l-akkużat Emil ATANASOV. Jidher li Jocic u Dragoljub bdew iwaħħlu fl-akkużat Emil ATANASOV li kien hu li ċempel lil sid il-kera u li kien tort tiegħu li kienu jinsabu mingħajr kurrent elettriku. Jocic, Dragoljub, u l-akkużat Emil ATANASOV ġew fl-idejn, u l-akkużat Emil ATANASOV sofra xi feriti ħfief. Minn naħa tiegħu Dani Krsteski qal lill-akkużat Emil ATANASOV li jekk kien iddejjaq, kellu jidħol jinġabar f'kamartu mhux iħassar il-pjaċir ta' ħaddieħor, u cioe' ta' Krsteski u l-mistednin tiegħu Jocic u Dragoljub;

ILLI din is-sitwazzjoni xejn ma niżlet tajjeb ma' l-akkużat Emil ATANASOV, li, minn naħa tiegħu iddeċieda li Zoran Jocic u Krstic Dragoljub kellhom ipattuha qares ta' l-atteġjament tagħhom. Għalhekk l-akkużat Emil ATANASOV mar fil-kamra tiegħu, qabad lieva tal-ħadid u sikkina (stallett) li kellu hemm, u ħareġ għal Jocic u Dragoljub għas-sodisfazzjon. Jidher li x'ħin Jocic u Dragoljub raw lill-akkużat Emil ATANASOV ġej għalihom bil-lieva f'idu, huma ppruvaw jeħduhielu minn idu, u fil-fatt irnexxielhom. X'ħin ra li kienu ħadulu l-lieva, l-akkużat Emil ATANASOV qabad jagħti bil-ponn f'wiċċ Zoran Jocic, tant li kisirlu l-għadma ta' mnieħru u kkaġunalu ġrieħi oħra f'wiċċu. F'dan il-mument Krstic Dragoljub ipprova jferraq lill-akkużat Emil ATANASOV u lil Zoran Jocic, sabiex l-akkużat ma jkomplix isawwat lil Jocic;

ILLI dan l-att biex jipproteġi lil sieħbu kien l-aħħar att li qatt għamel f'ħajtu Krstic Dragoljub, għaliex kif raħ quddiemu, l-akkużat Emil ATANASOV ħareġ is-sikkina (stallett) li kien ħareġ miegħu mill-kamra, u, dolożament, bil-ħsieb li

joqtol lil Krstic Dragoljub jew iqiegħed il-ħajja tiegħu f'perikolu ċar, taħ daqqa ta' stallett ġo sidru, fuq in-naħa tax-xellug, fejn hemm mil-qalb. Effettivament is-sikkina (stallett) ippenetrat il-kavita' tas-sider u saħansitra ċarrtet qalb Krstic Dragoljub. Fid-dagħdija tad-demm Dragoljub ħareġ jiġri mill-appartament biex jipprova jsalva ħajtu, iżda b'qalbu mċarrta u bl-ammont ta' demm li kien qiegħed jitlef ma tantx seta' jmur wisq il-bogħod. Fil-fatt, kif wasal fuq il-pjan tat-taraġ ta' bejn l-ewwel u t-tieni sular tal-blokka ta' l-appartamenti fuq imsemmija, huwa waqa' ma' l-art u miet.

Illi għalhekk, b'għemilu, l-akkużat Emil ATANASOV sar ħati ta' omiċidju volontarju, u ċioe' talli nhar il-Ħdax (11) ta' Frar tas-sena Elfejn u Erbatax (2014), għall-ħabta tas-sagħtejn u kwart ta' filgħodu (02:15am), ġewwa l-Qawra, limiti ta' San Pawl il-Baħar, Malta, dolożament, bil-ħsieb li joqtol lil Krstic Dragljub jew li jqiegħed il-ħajja tiegħu f'periklu ċar, ikkaġunalu l-mewt.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi Emil ATANASOV ħati ta' omiċidju volontarju, u cioe' talli nhar il-Ħdax (11) ta' Frar tas-sena Elfejn u Erbatax (2014), għall-ħabta tas-sagħtejn u kwart ta' filgħodu (02:15am), ġewwa l-Qawra, limiti ta' San Pawl il-Baħar, Malta, dolożament, bil-ħsieb li joqtol lil Krstic Dragljub jew li jqiegħed il-ħajja tiegħu f'periklu ċar, ikkaġunalu l-mewt.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Emil ATANASOV u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal għomru, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 23, 31, 211(1), 211(2), u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Fejn l-Avukat Ġenerali fit-Tieni Kap ippremetta:

Illi fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija fl-Ewwel (1) Kap ta' l-Att ta' Akkuża, nhar il-Ħdax (11) ta' Frar tas-sena Elfejn u Erbatax (2014), għall-ħabta tas-sagħtejn ta' filgħodu (02:00am) inqala' argument ġewwa l-appartament numru 12, 'Diana Flats', Triq il-Merluzz, il-Qawra, limiti ta' San Pawl il-Baħar, bejn l-akkużat Emil ATANASOV u l-mistednin tal-*flat-mates* tiegħu, u cioe' Zoran Jocic u Krstic Dragoljub, fejn dawn ta' l-aħħar kienu qegħdin iwaħħlu fl-akkużat li kien hu li ċempel lil sid il-kera u li kien tort tiegħu li kienu jinsabu mingħajr elettriku. Jocic, Dragoljub, u l-akkużat Emil ATANASOV ġew fl-idejn, u l-akkużat Emil ATANASOV sofra xi feriti ħfief. Minn naħa tiegħu Dani Krsteski, wieħed mill-*flat-mates* ta' l-akkużat, qal lill-akkużat li jekk kien iddejjaq, kellu jidħol jinġabar f'kamartu mhux iħassar il-pjaċir ta' ħaddieħor, u cioe' ta' Krsteski u l-mistednin tiegħu Jocic u Dragoljub;

ILLI din is-sitwazzjoni xejn ma niżlet tajjeb ma' l-akkużat Emil ATANASOV, li, minn naħa tiegħu iddeċieda li Zoran Jocic u Krstic Dragoljub kellhom ipattuha qares ta' l-atteġjament tagħhom. Għalhekk l-akkużat Emil ATANASOV mar fil-kamra tiegħu, qabad lieva tal-ħadid u sikkina (stallett) li kellu hemm, u ħareġ għal Jocic u Dragoljub għas-sodisfazzjon. Jidher li x'ħin Jocic u Dragoljub raw lill-akkużat Emil ATANASOV ġej għalihom bil-lieva f'idu, huma ppruvaw jeħduhielu minn idu, u fil-fatt irnexxielhom. X'ħin ra li kienu ħadulu l-lieva, l-akkużat Emil ATANASOV qabad jagħti bil-ponn f'wiċċ Zoran Jocic, tant li kisirlu l-għadma ta' mnieħru u kkaġunalu ġrieħi oħra f'wiċċu;

ILLI l-ġrieħi subiti minn Zoran Jocic, partikolarment il-ksur ta' l-għadma ta' l-imnieħer, ġew ċertifikati bħala ġrieħi gravi *per durata* mit-tobba ta' l-Emerġenza ta' l-Isptar *Mater Dei* kif ukoll mill-espert nominat mill-Maġistrat Inkwerenti.

Illi għalhekk, b'għemilu, l-akkużat Emil ATANASOV sar ħati li kkaġuna offiża gravi fuq il-persuna, u ċioe' talli nhar il-Ħdax (11) ta' Frar tas-sena Elfejn u Erbatax (2014), għall-ħabta tas-sagħtejn u kwart ta' filgħodu (02:15am), ġewwa l-Qawra, limiti ta' San Pawl il-Baħar, Malta, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Zoran Jocic f'periklu ċar, ikkaġunalu ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, jew ġablu diżordni f'moħħu, b'dana illi l-offiża ġabet mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq, jew f'waħda mill-idejn ta' l-offiż, u/jew ġabet marda tal-moħħ jew tal-ġisem li ddum għal tletin ġurnata jew iżjed, inkella, għal daqshekk żmien, iżżomm lill-offiż milli jmur għax-xogħol tiegħu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi Emil ATANASOV ħati ta' offiża gravi fuq il-persuna, u ċioe' talli nhar il-Ħdax (11) ta' Frar tas-sena Elfejn u Erbatax (2014), għall-ħabta tas-sagħtejn u kwart ta' filgħodu (02:15am), ġewwa l-Qawra, limiti ta' San Pawl il-Baħar, Malta, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Zoran Jocic f'periklu ċar, ikkaġunalu ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, jew ġablu diżordni f'moħħu, b'dana illi l-offiża ġabet mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq, jew f'waħda mill-idejn ta' l-offiż, u/jew ġabet marda tal-moħħ jew tal-ġisem li ddum għal tletin ġurnata jew iżjed, inkella, għal daqshekk żmien, iżżomm lill-offiż milli jmur għax-xogħol tiegħu.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Emil ATANASOV u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn tliet (3) xhur sa tliet (3) snin, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 23, 31, 214, 215, 216(1)(b),(d) u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Fejn l-Avukat Ġenerali fit-Tielet Kap ippremetta:

Illi fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija fl-Ewwel (1) Kap ta' l-Att ta' Akkuża, nhar il-Ħdax (11) ta' Frar tas-sena Elfejn u Erbatax (2014), għall-ħabta tas-sagħtejn ta' filgħodu (02:00am) inqala' argument ġewwa l-appartament numru 12, 'Diana Flats', Triq il-Merluzz, il-Qawra, limiti ta' San Pawl il-Baħar, bejn l-akkużat Emil ATANASOV u l-mistednin tal-*flat-mates* tiegħu, u cioe' Zoran Jocic u Krstic Dragoljub, fejn dawn ta' l-aħħar kienu qegħdin iwaħħlu fl-akkużat li kien hu li ċempel lil sid il-kera u li kien tort tiegħu li kienu jinsabu mingħajr elettriku. Jocic, Dragoljub, u l-akkużat Emil ATANASOV ġew fl-idejn, u l-akkużat Emil ATANASOV sofra xi feriti ħfief. Minn naħa tiegħu Dani Krsteski, wieħed mill-*flat-mates* ta' l-akkużat, qal lill-akkużat li jekk kien iddejjaq, kellu jidħol jinġabar f'kamartu mhux iħassar il-pjaċir ta' ħaddieħor, u cioe' ta' Krsteski u l-mistednin tiegħu Jocic u Dragoljub;

ILLI din is-sitwazzjoni xejn ma niżlet tajjeb ma' l-akkużat Emil ATANASOV, li, minn naħa tiegħu iddeċieda li Zoran Jocic u Krstic Dragoljub kellhom ipattuha qares ta' l-atteġjament tagħhom. Għalhekk l-akkużat Emil ATANASOV mar fil-kamra tiegħu, qabad lieva tal-ħadid u sikkina (stallett) li kellu hemm, u ħareġ għal Jocic u Dragoljub għas-sodisfazzjon. Jidher li x'ħin Jocic u Dragoljub raw lill-akkużat Emil ATANASOV ġej għalihom bil-lieva f'idu, huma ppruvaw jeħduhielu minn idu, u fil-fatt irnexxielhom. X'ħin ra li kienu ħadulu l-lieva, l-akkużat Emil ATANASOV qabad jagħti bil-ponn f'wiċċ Zoran Jocic, tant li kisirlu l-għadma ta' mnieħru u kkaġunalu ġrieħi oħra f'wiċċu;

F'dan il-mument Krstic Dragoljub ipprova jferraq lill-akkużat Emil ATANASOV u lil Zoran Jocic, sabiex l-akkużat ma jkomplix isawwat lil Jocic, iżda l-akkużat

Emil ATANASOV ħareġ is-sikkina (stallett) li kien ħareġ miegħu mill-kamra, u taha daqqa biha ġo sider Krstic Dragoljub, fuq in-naħa tax-xellug, fejn hemm mil-qalb. Effettivament is-sikkina (stallett) ippenetrat il-kavita' tas-sider u saħansitra ċarrtet qalb Krstic Dragoljub. Fid-dagħdija tad-demm Dragoljub ħareġ jiġri mill-appartament biex jipprova jsalva ħajtu, iżda waqa' ma' l-art u miet fuq il-pjan tat-taraġ ta' bejn l-ewwel u t-tieni sular tal-blokka ta' l-appartamenti fuq imsemmija.

Illi għalhekk, b'għemilu, l-akkużat Emil ATANASOV sar ħati talli nhar il-Ħdax (11) ta' Frar tas-sena Elfejn u Erbatax (2014), għall-ħabta tas-sagħtejn u kwart ta' filgħodu (02:15am), ġewwa l-Qawra, limiti ta' San Pawl il-Baħar, Malta, fil-waqt li kien qed jagħmel reat volontarju kontra l-persuna (omiċidju volontarju ta' Krstic Dragoljub), kellu fuq il-persuna tiegħu arma regolari jew munizzjon jew imitazzjoni ta' dawn l-oġġetti (sikkina / stallett), u dana mingħajr skop leġittimu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi Emil ATANASOV ħati talli nhar il-Ħdax (11) ta' Frar tas-sena Elfejn u Erbatax (2014), għall-ħabta tas-sagħtejn u kwart ta' filgħodu (02:15am), ġewwa l-Qawra, limiti ta' San Pawl il-Baħar, Malta, fil-waqt li kien qed jagħmel reat volontarju kontra l-persuna (omiċidju volontarju ta' Krstic Dragoljub), kellu fuq il-persuna tiegħu arma regolari jew munizzjon jew imitazzjoni ta' dawn l-oġġetti (sikkina / stallett), u dana mingħajr skop leġittimu.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Emil ATANASOV u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal mhux iżjed minn erba' (4)snin, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 55(a) u 56 ta' l-Att dwar l-Armi, Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta, u fl-artikoli 17, 23, 31, 64 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat l-atti kollha ta' l-proċess;

Rat il-verdett tal-ġurati tal-15 ta' April, 2016 li biħ:

L-Ewwel  Kap

Il-ġurati b'7 voti favur u b'2 voti kontra jsibu lil Emil Atanasov mhux ħati skont l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza, għaliex aġixxa fil-bżonn attwali tad-difiża leġittima tiegħu innifsu jew ta' ħaddieħor.

It-Tieni Kap

Il-ġurati unanimament isibu lil Emil Antanasov mhux ħati skont it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuża.

It-Tielet Kap

Il-ġurati b'7 voti favur u 2 voti kontra jsibu lil Emil Atanasov mhux ħati  skont it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuża.

Ghalhekk il-ġurati ma sabux lill-akkużat ħati tal-ebda Kap tal-Att tal-Akkuża.

Wara li rat l-artikolu 487 tal-Kodici Kriminali tiddikjara lil Emil Atanasov mhux ħati tal-kapijiet kollha dedotti kontrih.

Il-Qorti għalhekk qed tillibera lil Emil Atanasov u tordna li jingħata l-liberta' minnufiħ.

(ft) Antonio Mizzi
Imħallef

Brian Avellino
Deputat Registratur

Vera Kopja